# L-Arċisqof Ġorġ Caruana - Iben bandist tal-Banda Beland

Kitba: Charles Buttigieg





Fis-sena 1927, Henry Casolani, is-Superintendent ta' Malta għall-Emigrazzjoni u l-aktar Malti li seta' jitkellem b'awtorità dwar l-emigrazzjoni, ħareġ ktieb bl-isem, L-Emigrazzjoni tal-Maltin.

Fil-ktieb, Casolani kiteb dwar xi emigranti Maltin li ħajjithom 'il bogħod minn Malta kienet suċċess u wkoll ta' ġieħ għalihom infushom, għall-emigranti Maltin l-oħrajn u għal art twelidhom.

Fost il-Maltin li Casolani kiteb dwarhom kien hemm l-Isqof Ġorġ Caruana li, fl-1921, kien ingħażel bħala l-Isqof ta' Puerto Rico. Casolani sejjaħ lill-Mons Caruana bħala emigrant li, dak iż-żmien, kien l-aqwa ambaxxatur ta' Malta 'l hemm mill-Gżejjer Maltin.

Mons Caruana kien iben Amabile u martu Carmela, xebba Sammut. Huwa twieled Tas-Sliema, fl-24 ta' April, 1882, lejlet il-festa liturġika ta' San Ġorġ, u ġie mgħammed jumejn wara fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema. Il-parrinijiet kienu Joannes Andrea Caruana, ħu missieru, li wkoll kien joqgħod Tas-Sliema u Catherina, oħt ommu, li kienet toqgħod Birkirkara. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet Georgius, Michael, Angelus u Joseph.

Bħala tifel, Ġorġ Caruana trabba ż-Żejtun, fejn missieru kien idoqq il-kwartin tal-fidda mal-Banda Beland.

Ta' 18 -il sena mar jistudja Ruma u fit-28 ta' Ottubru, 1905, ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Pietru Pace, Isqof ta' Malta, fil-kappella tal-komunità tal-Blue Sisters f'San Ġiljan.

Wara l-ordinazzjoni, is-saċerdot il-ġdid għamel xi żmien jagħti servizz pastorali f'parroċċa f'Ruma. Dam hemm sakemm, fl-1907, issejjaħ biex ikun is-Segretarju ta' Mons Ambroġ Agius, Patri Benedittin, li kien Delegat Appostoliku f'Manila, il-Filippini.

Fil-Filippini, Dun Ġorġ Caruana ma kienx kuntent jagħmel biss ix-xogħol marbut ma' ħidma diplomatika. Beda jżur spiss ukoll villaġġi iżolati mifruxin fuq il-muntanji tal-gżira ta' Luzon.

Wara tliet snin ta' ħidma ma' Mons Agius f'Manila, Dun Ġorġ akkompanja lill-Mons Agius fi vjaġġ sa Ruma. Hemmhekk, is-saċerdot żagħżugħ irranġa biex imur jagħti servizz pastorali fi Brooklyn, New York.

Dun Ġorġ Caruana wasal Brooklyn fis-sena 1910. Hemmhekk, ħadem ħafna fost emigranti Maltin u Taljani. Kien kappillan, l-ewwel tal-komunità tal-knisja ta' St Lucy u mbagħad, mill-1914, tal-parroċċa St Leo Rectory ta' Corona, Long Island.

Id-dħul tal-Amerika fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) wassal lil Fr Caruana biex joffri ruħu bħala Kappillan Militari fl-armata tal-Istati Uniti. Huwa serva fiż-żona tal-Kanal tal-Panama.

Ma' tmiem il-gwerra, reġa' lura għall-ħidma tiegħu fost l-emigranti u fl-1919 mar Detroit fejn il-komunità tal-Maltin kienet kibret għal 4,000 ruħ.

Billi numru sew ta' emigranti kienu mhux biss fqar, imma wkoll illitterati u ma jafux jitkellmu bl-Ingliż, Fr Caruana għalihom ma kienx biss saċerdot, imma wkoll il-konsulent u l-interpretu tagħhom, kif ukoll il-persuna li kienet taqralhom u tiktbilhom l-ittri tagħhom.

Dun Ġorġ Caruana dam l-Amerika sakemm, fil-5 ta' Awwissu, 1921, is-Santa Sede sejħitlu, fl-età ta' 39 sena, biex jibda jaqdi lill-Knisja bħala Isqof ta' San Juan ta' Puerto Rico. Huwa ġie ordnat isqof mill-Kardinal Antonio Vico, Isqof ta'

Porto Rico u Santa Rufina, fit-28 ta' Ottubru, 1921. Il-konsagrazzjoni episkopali tiegħu saret Ruma. Ftit jiem wara, fit-8 ta' Novembru, 1921, Mons Caruana żar lil qrabatu u ħbiebu f'Malta. Il-Maltin, speċjalment il-qraba ta' emigranti f'Detroit, ferħu ħafna bih.

### Żjara lill-Banda Beland

Fost l-emigranti li Dun Ġorġ ħadem magħhom u għalihom fl-Amerika kien hemm uħud miż-Żejtun. F'artiklu twil fil-perjodiku Lil Hutna ta' Ġunju 1951, iż-Żejtuni Mikiel Caruana, bħala President tal-Kummissjoni Djoċesana Emigranti kiteb hekk:

'Fil-kura tal-emigranti, speċjalment Maltin u Taljani, huwa (Fr Caruana) ra kamp kbir ta' appostolat quddiemu. Il-personalità tiegħu mill-ewwel affermat ruħha u malajr ġie magħżul Pastor, fid-Djoċesi ta' Brooklyn, ta' St. Lucy's Rectory, u mbagħad ta' St. Leo's Rectory ta' Corona, Long Island, fejn dam sa ma daħlet l-Amerika fl-ewwel Gwerra l-Kbira.

'Mhux possibbli li hawn wieħed jiddeskrivi dak li għamel. Il-bżonnijiet tal-emigranti huma tant kbar u varjati u l-ġenerożità tiegħu kienet tant kbira li Alla biss jaf għaliex sar hekk maħbub minn kulħadd.

'Min qiegħed jikteb jiftakar lill-Arċisqof, waqt laqgħa li saritlu fil-Każin Beland taż-Żejtun, jgħid dan l-inċident, biex jagħmel kumpliment liż-Żwieten, li fosthom trabba bħala tifel:

'Kont naf żewġ Maltin li kienu jiġu mill-bogħod ferm biex iqerru u jitqarbnu kull nhar ta' Hadd. Darba ttardjaw u ħriġt inqaddes. Waqt l-Evanġelu, is-saċerdot sieħbi qalli: 'Dawk il-Maltin ġew, idħol



qararhom, nagħmel l-Evanġelu jien.' Waqt li dħalt inqararhom, is-saċerdot sieħbi ġieb l-eżempju ta' dawk iż-żewġ Maltin li kienu sejrin jitqarbnu hekk fit-tard u li kienu ġew hekk mill-bogħod biex ma jitilfux tqarbina. U dawn kienu Żwieten.'

'Il-kumpliment li ried jagħmel waqa' fuqu, għaliex wieħed mill-preżenti għarrfu li dawk iż-żewġ persuni li semma' kellhom parentela miegħu.'

### Missjoni speċjali

Fl-1925, is-Santa Sede bagħtet lill-Mons Caruana għall-missjoni speċjali fil-Gwatemala, fejn ir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja kienu ilhom ħżiena madwar 150 sena.

Erba' snin wara, fit-22 ta' Diċembru, 1925, Mons Caruana nħatar Delegat Appostoliku għall-Messiku u Antilles, waqt li l-għada, fit-23 ta' Diċembru, 1925, ingħata t-titlu ta' Arċisqof.

Mons Caruana għadda minn bosta esperjenzi fis-snin twal li għamel jaqdi lill-Knisja Kattolika fil-qasam diplomatiku. Dik fil-Messiku, però, kienet ta' natura partikolari. Huwa mar il-Messiku b'missjoni speċjali, fi żmien meta, minħabba l-impożizzjoni ta' artikoli anti-Kattoliċi u anti-klerikali fil-Kostituzzjoni Messikana tal-1917, inqala' nkwiet kbir bejn l-Istat Messikan u l-Knisja Kattolika.

Fl-istess kitba tiegħu fi Lil Hutna ta' Ġunju 1951, Mikiel Caruana jikteb li fil-missjoni tiegħu fil-Messiku, Mons Caruana ma kienx protett mil-libsa diplomatika u meta ħadha fuq spallejh kien jaf li kien hemm ħajtu fin-nofs.

'Mons Caruana, liebes ta' sekular, għamilha ta' kollox, ta' bejjiegħ is-sigarri u bejjiegħ il-banana. Irnexxielu jara l-arkivji u jikkonsla s-saċerdoti u l-fidili mfittxa għall-mewt. Wettaq l-aktar paġna glorjuża ta' ħajtu. Iżda fl-aħħar inqabad u ġie mogħti erbat ijiem żmien biex iħalli l-pajjiż.'

Is-saċerdot Malti tkeċċa mill-Messiku f'Mejju 1926.

Fit-28 ta' Jannar, 1927, Mons Caruana sar Internunzju Appostoliku ta' Haiti u f'Diċembru 1928 mar ukoll il-Gwatemala biex ikompli l-missjoni li kien beda tliet snin qabel. Fil-15 ta' Settembru, 1935, imbagħad, ġie maħtur Nunzju ta' Kuba u Puerto Rico. Huwa dam f'dawn il-karigi sa April 1947, meta reġa' nħatar Delegat Appostoliku għall-Messiku.

Mons Caruana miet f'Merion Station, Montgomery County, Pennsylvania, Stati Uniti tal-Amerika, fil-25 ta' Marzu, 1951, fl-età ta' 68 sena. Huwa ġie midfun fiċ-ċimiterju li s-Sisters of Mercy għandhom wara l-kunvent u l-kappella tagħhom, fl-istess post.

**Storja ta' qlub tajba**

Waħda mill-esperjenza li kellu l-Arċisqof Caruana meta kien għadu jaħdem fost l-emigranti f'Detroit, kellha sinjifikat partikolari.

F'jum tal-Ġimgħa, f'Diċembru 1910, fiż-żmien li Dun Ġorġ beda jwettaq ħidma pastorali fil-knisja ta' St Lucy fi Brooklyn, huwa daħal fil-ħanut ta' koppja żagħżugħa Lhudija, Solomon u Esther Ueberall, biex jixtri par lazzijiet taż-żarbun.

Solomon induna li l-bixra fuq wiċċ il-qassis kienet waħda ta' bniedem imdejjaq. Huwa kellmu fuq hekk u staqsieh xi ġralu. Fr Caruana qallu li kellu qalbu sewda għaliex jekk ma kienx se jirnexxilu jsib $500 sat-Tnejn ta' wara, biex iħallas il-mortgage, kienu se jitkeċċew mill-binja tal-knisja St Lucy, fejn huwa u l-komunità tiegħu kienu jiltaqgħu biex jitolbu. Qallu wkoll li billi n-nies tal-parroċċa tiegħu kienu fqar, ma kienx jaf minn fejn se jsib dawn il-flus.

Il-koppja kienu ta' fidi Lhudija, imma ħassew li kellhom jaraw jistgħux jgħinu lis-saċerdot Kattoliku. Huma ftehmu li jissellfu $500 billi jirahnu ċ-ċurkett tad-deheb taż-żwieġ ta' Esther u r-rigali prezzjużi li qalgħet, biex jagħtu l-flus lilll-qassis. Il-mortgage tħallas. Dr Caruana radd ħajr lill-koppja u wegħdhom li xi darba jħallashom lura sal-inqas dollaru.

Ġimgħa wara l-oħra, Fr Caruana beda jmur għand il-koppja Lhudija b'salt muniti żgħar miġburin mingħand in-nies tal-parroċċa tiegħu, biex inaqqas dejnu. L-istorja baqgħet sejra hekk sakemm il-$500 tħallsu kollha lura u l-koppja Lhudija setgħu jiksbu lura ċ-ċurkett u l-oġġetti l-oħrajn tal-mara.

Fr Caruana u l-koppja Lhudija baqgħu ħbieb. Imma meta Fr Caruana temm iż-żmien tiegħu fil-knisja St Lucy, inqatgħu minn xulxin. Solomon miet fis-sena 1920. Martu Esther kellha tkompli trabbi lil uliedhom Bernie u Stella, waħidha.

Is-snin baqgħu jgerrbu u Esther ftit li xejn baqgħet tiftakar f'Fr Caruana. Imbagħad waslet it-Tieni Gwerra Dinjija (1939 -1945). Esther bdiet tirċievi bosta ittri mingħand Lhud qraba ta' Solomon u nies oħrajn biex tgħinhom jaħarbu mill-Ewropa qabel jinqabdu min-Nazi u jispiċċaw f'xi fabbrika tal-mewt. Hija għenet lil ħafna nies biex jiksbu visa għall-Amerika, imma malli l-kwoti tal-Istati Uniti mtlew, ma setgħetx tkompli tagħmel dan. Imbagħad saret taf li kien għad hemm il-possibbiltà li xi refuġjati jmorru għal xi żmien Kuba, jekk jiksbu rakkomandazzjoni minn xi ħadd prominenti.

Esther marret għand il-qassis li kien qed imexxi l-parroċċa ta' St Lucy u talbitu ittra ta' rakkomandazzjoni biex tmur tkellem lill-Arċisqof Kattoliku ta' Kuba. Qabel marret, hija bagħtet cable biex tinforma lill-Kurja tal-Arċisqof bil-miġja tagħha u l-iskop li għalih kienet se tmur hemmhekk.

Meta niżlet mill-ajruplan li wassalha Havana, kienet milqugħa b'bukkett fjuri. Malli refgħet għajnejha, quddiemha lemħet saċerdot li wiċċu ma kienx ġdid għaliha. Is-saċerdot qalilha: 'Esther Ueberall, minthix tagħrafni? Jien Fr Caruana, il-qassis li inti kont taf fi Brooklyn. Qiegħed hawnhekk bħala Nunzju Appostoliku.'

Mons Caruana għen lil Esther. Bis-saħħa tiegħu, kienu fuq 25 il-persuni ħbieb ta' Esther li kisbu kenn f'Kuba, sakemm reġgħu nfetħu l-kwoti għar-refuġjati fl-Istati Uniti tal-Amerika u setgħu jmorru hemmhekk.

Mons Caruana ħa ħsieb ukoll li fiż-żmien tagħhom f'Kuba, dawn in-nies ikollhom saqaf fuq rashom u l-bżonnijiet kollha tagħhom.

***Ħajr lill-Arkivji tal-Mużew tal-Migrazzjoni ta' Dar l-Emigrant.***



Nifirħu minn qalbna lil Roderick Baldacchino u Jean-Claude Schembri mill-Parroċċa taż-Żejtun, li huma fost l-erba' seminaristi b'talba lill-Arċisqof ta' Malta biex ikunu uffiċjalment kandidati għall-Ordinazzjoni Djakonali u Saċerdotali; biċ-ċelebrazzjoni li saret il-Ħadd 6 ta' Jannar waqt il-Quddiesa tal-Epifanija fil-Konkatridral ta' San Ġwann. Barra minn hekk f'Marzu 2019, dawn is-Seminaristi rċevew il-Ministeru tal-Lettorat.